MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Numru 634/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
v

**GEORGE JOHNSTON**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE JOHNSTON** ta' sebgha w tletin sena bin il-mejjet George Zammit u Mary Johnston, imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1966 u joqghod 166, Triq d-Dejqa, Valletta jew Block B, Flat 1, Triq il-Funtana, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` numru 381766M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fl-erbgha ta' Awissu 2004 fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan fil-hinijiet ta' bejn l-erbgha ta' filghodu w l-hamsa ta' filghodu bil-hsieb li jaghmel delitt

wera dan il-hsieb b'atti esterni billi dolozament bil-hsieb li jikkommetti omicidju jew li jqieghed il-hajja f'perikolu car ta' Kevin Florindo mill-Amerika ta bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt, liema tentattiv ta' omicidju ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

2. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi voluntarjament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'perikolu car tsa' Kevin Florindo mill-Amerika, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Kevin Florindo w ikkagunalu offizi gravi skond ma ccertifikat Doctor D. Debono MD tal-isptar San Luqa;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dirk Walker;

4. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb sabiex jingurja, jew jaghmel hsara lil istess Kevin Florindo u lil Kirk Walker minn Tas Sliema;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament kiser il-bon ordni jew l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

6. Talli jinsab recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati meta fid-disgha ta' April 1997 instab hati li kkommetta feriti ta' natura gravi mill-awla numru 2, liema sentenza saret definittiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern nhar d-disgha ta' April 1997 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi esibita a fol 56 markata bhala dokument MT.

Rat wkoll l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta' Novembru 2004 esebiti fl-atti a fol 61 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2004 kif jirrizulta a fol 62 tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa ta' Awissu 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 19], liema ammissjoni giet registrata wara li l-Prosekuzzjoni kienet talbet zieda fl-akkuza fis-sens li l-imputat ikkommetta attentat t'omicidju jew ferita gravi fuq il-persuna ta' Kevin Florindo ghaliex kien provokat, b'offiza gravi fuq il-persuna tieghu waqt dan l-istess incident skond l-artikolu 227(a).

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tnejn ta' Marzu 2005.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta' Novembru 2004 ppresentati fl-atti a fol 61, jirrizulta li l-Avukat Generali akkuza lil imputat mhux b'attentat t'omicidju izda talli kkaguna ferita gravi fost xi akkuzi ohra w ghalhekk ma tistax tikkonsidra l-akkuzi ta' attentat ta' omicidju moghtija mill-Prosekuzzjoni u tilliberah minnufih minn tali akkuzi.

Il-Qorti trid issa tezamina l-akkuza ta' ferita gravi moghtija mill-Avukat Generali u trid tarta jekk d-difiza mqajjma

skond l-artikolu 227(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tregix.

Illi nhar s-sittax ta' Awissu 2004 xehed **l-Ispettur Mario Tonna** [fol 35] fejn qal li nhar l-erbgha ta' Awissu 2004, il-Pulizija tad-distrett ta' San Giljan kienet infurmata mill-isptar San Luqa u cioe mid-Dipartiment tal-Emergenza, li kienu ghadhom kemm baghtu ambulanza fi Triq San Gorg, vicin l-bajja, ghaliex kien hemm persuna feruta. Irrizulta li din il-persuna feruta kienet Kevin Florindo li ddahhal l-isptar fejn gie certifikat li kien isofri minn ferita ta' natura gravi konsistenti f'ferita kbira ta' tul sitt centimetri f'ghonqu. Dan gie operat w iccertifikat li kien fil-perikolu tal-mewt.

Minn investigazzjonijiet preliminari mizmuma mill-Pulizija rrizulta li dan Kevin Florindo kien fili-kumpanija ta' Amerikan iehor Feder u malti certu Dirk Walker. L-incident sehh meta l-imputat kien il-Havana u kien liebes T Shirt tal-football tal-Brazil, u shorts abjad. Kevin Florindo beda jitkellem mal-imputat u gew fi kliem li wiehed jzomm mal-Argentina u l-iehor mal-Brazil w ghalhekk inqala incident u fil-pront Kevin Florindo ta' daqqa ta' ras lil imputat. L-imputat agixx billi mar fuq s-security li kien hemm fl-istabbiliment u qalilhom dak li kien gralu u ndikalhom t-tlett minn nies li kienu involuti fl-incident. Dak il-hin in-nies tas-sigurta qabdu u keccew lil dawn t-tlett minn nies 'l barra mill-istabbiliment. L-imputat hareg warajhom u waqt li kien barra, rega' kien hemm argument bejniethom, Kevin Florindo avvicina lil imputat waqt li kien qed jargumenta ma Dirk Walker u appena ra hekk, hu bezgha u qabad flixkun mkisser li kien hemm mal-art, xejjru u dahlu f'ghonq Kevin Florindo.

Il-Prosekuzzjoni esibit erbgha ritratti li gew immarkat bhala dokument MT li jindikaw l-hwejjeg li kien liebes l-imputat dakinhar tal-incident kif wkoll dawk li kien iebes l-allegat vittma.

Illi nhar s-sittax ta' Awissu 2004 xehed **Kevin Florindo** [fol 39] fejn qal li huwa kien fl-istabbiliment Havana nhar l-erbgha ta' Awissu 2004 meta kellu xi jghid mal-imputat.

Mistoqsi fuq x'hiex kien l-argument, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf ghaliex bil-malti ma jifhimx. Siehbu Dirk Walker intervjena waqt l-argument bl-isperanza li jirrimedja s-sitwazzjoni izda fil-pront huwa ta' daqqa ta' ras lil imputat. Ikkonferma li l-imputat mar fuq s-security biex ikeccihom 'l barra u meta hareg ra lil imputat barra jistennihom u l-argument rega' sahan. Ikkonferma li fil-post kien ilu saghtejn jew tlieta qabel m'inqala l-incident u kien xorob xi tlieta jew erbgha birra qabel. Ikkonferma li l-imputat kien liebes l-football gear tal-Brazil kif muri fir-ritratti dokument MT esibit fl-atti. Qal wkoll li Dirk Walker qabad lil imputat b'mod aggressiv biex jappartah minnu. Qal li bid-daqqa li ta lill-imputat, huwa kellu xi dmija fuq ghajnejh u kien f'dak l-hin li l-imputat ghajjat ghall-ghajnuna tas-sigurta meta gew imkecciha 'l barra. Mistoqsi jekk rax lil imputat, jagixxi b'mod fiziku barra lejn Dirk Walker li kien qed jargumenta, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Dak l-hin l-imputat qabad flixkun u ta daqqa f'ras Dirk Walker u wara xejjer l-flixkun u laqat lilu. Il-flixkun kien diga mkisser.

Illi nhar s-sittax ta' Awissu 2004 xehed **Dirk Walker** [fol 43] fejn qal li nhar l-erbgha ta' Awissu 2004, huwa kien gewwa l-istabbiliment Havana u f'xi hin dahal r-rest room. Meta hareg mir-rest room sab lil imputat u siehbu Kevin Florinda jargumentaw. F'hin minnhom l-imputat qabdu minn idu u Kevin Florindo tah daqqa ta' ras. F'dk il-hin l-imputat ghajjat lil tas-security u dawn keccew lil Amerikan barra u meta hareg hu u sussegwentement l-imputat inqalghet konfuzjoni kbira bejniethom lkoll. F'xi hin infaqa flixkun fuq rasu pero min kissru ma jafx. Hin minnhom qala daqqa ta' ponn, dar u sab lil Kevin Florindo mimli demm. Mistoqsi jekk rax lil xi hadd jolqot lil Kevin Florindo, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Jghid wkoll li min tah daqqa ta' ponn ma baqghax hemm, kien telaq minn fuq il-post. Ikkonferma li l-imputat kien liebes l-gear tal-football tal-Brazil u li bid-daqqa li qala f'mohhu minghand Kevin Florindo, kellu xi dmija. Mistoqsi fuq x'hiex kien inqala l-argument, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Dan ix-xhud jghid wkoll li qabel ma Kevin Florindo ta daqqa ta' ras lil imputat, huwa kien illarga u mar jghajjat habib iehor taghhom. Ikkonferma wkoll li tul l-incident kollu l-imputat kien wahdu filwaqt li huma kienu tlieta.

Illi nhar s-sittax ta' Awissu 2004 xehed **Carmelo Zammit** [fol 46] fejn qal li huwa security fl-istabbiliment Havana w ikkonferma li nahr l-erbgha ta' Awisu 2004 fil-hinijet bikrin ta' filghodu, waqt li kien fl-istess stabbiliment Havana, ra lil imputat bid-demm f'wiccu waqt li kien qieghed fil-bieb u dan qallu li kien hemm persuna li tatu daqqa ta' ras. Huwa ghalhekk baghat lil security iehor mal-imputat sabiex jindikalu min kienet din l-persuna li laqtitu u ftit wara gie lura akkumpanjat minn tlett minn nies. Nizzluhom hdejn il-bieb ta' barra kif jaghmlu bhala procedura taghhom u l-imputat beda jitlob ghal Pulizija. F'hin minnhom wiehed minn dawn t-tlett minn nies li kien qed jitkellem bil-malti, ghamel l-karta tal-identita ma wicc l-imputat u regghet sahnet il-glieda u l-erbgha li kienu regghu gew fl-idejn. L-imputat kellu hafna demm niezel minn mohhu ghal fuq il-flokk waqt li sa dak l-hin l-ohrajn ma kellhomx dmija fuqhom. Huwa ma rax lil imputat jolqot lil Kevin Florindo, semgha biss flixkun jitkisser. Min laqat lil min ma kienx jaf.

Illi nhar s-sittax ta' Awissu 2004 xehed **Stephen Micallef** [fol 48] fejn ikkonferma dak li qal s-security Carmel Zammit salv li zied jghid li l-imputat reggha gie aggredit mill-aggressur tieghu waqt li kien barra mimli demm. Ikkonferma li fil-presenza tieghu Kevin Florindo attakka lil imputat u zied jghid li l-persuna li temmet l-karta tal-identita f'wicc l-imputat kien Dirk Walker. Mistoqsi lil min ra bid-demm, x-xhud wiegeb li ra biss lil imputat.

B'digriet taghha tal-hamsa ta' Awissu 2004, il-Qorti nnominat lil Doctor Dino Vella Briffa sabiez jesamina lil Kevin Florindo u jirrelata dwar il-feriti li sofra.

Illi nhar s-sittax ta' Awissu 2004 **xehed Dottor Dino Vella Briffa** [fol 30] fejn ikkonferma li Kevin Florindo kellu tlett feriti, tnejn minnhom ta' natura permanenti ghaliex dik li qeghda fix-xaghar mhux daqshekk vizibbli filwaqt li l-ferita li ghandha tul ta' disgha centimetri li tibda daqs tlett centimetri lura minn widintu l-leminija u li sserrep fl-ghonq bi sbatax il-sutura ser tibqa vizibbli u ghalhekk hija ta' natura gravi.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 xehed **l-imputat** [fol 65] fejn qal li waqt li kien bil-qeghda wahdu l-Havana, liebes l-gear tal-football tal-Brazil, xi erbgha piedi boghod minn Kevin Florindo, gie wiehed u qallu "You're a supporter of Brazil", hu hares lejn din il-persuna w irrispondih fl-affermattiv u dan wiegbu "Me supporter of Argentina". Wara ftit dan qallu "Hey, supporter of Brazil, Argentina is better than Brazil". Wara ftit beda jghajjat u jghid "Fuck Brazil'. Huwa hares lejh, dan besaq lejh pero ma laqtux. Fil-hin dan qabad u tah daqqa ta' ras u ghamillu farrett f'rasu u qallu "Why !", dan hares bir-rabbja lejh n u dar u nizel u mar jghid lil tas-siecurity x'kien gara. Huwa talab ghal ghajnuna tal-Pulizija ghaliex kien qala daqqa ghal xejn b'xejn. Huwa tefa xi ilma fuq wiccu wara li tas-security keccew lil din il-persuna 'l barra flimkien ma tnejn minn nies ohra li kienu mieghu. Dawn ilkoll bdew jidhqu bih, jghidu kliem hazin u regghu marru fuqu. Huwa ddecieda li jitlaq u appena mexa xi tmien passi, qala daqqa minn wara u spicca ma-art. Fl-art kien hemm flixkun, gabru u bl-intenzjoni li jbezzghhom, qam, qala daqqa ohra, u xejjer il-flixkun fid-direzzjoni ta' minn tah d-daqqa. Mexa lura, mesah wiccu mid-demm u sema lil xi nies jghidu "Igri ghax gejjin shabu." Tefa' l-flixkun mal-art u gera biex jevita lil shabu u mar l-isptar jaghmel l-punti fejn irrizulta li kellu bzonn jaghmel erbgha punti. Mistoqsi jekk huwa ghamilx dak li ghamel biex jpattiha lil min tah daqqa, l-imputat wiegeb li ghamel dak li ghamel biex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-persuna l-ohra. Huwa kkonferma li d-daqqa li qala kien qalaha minghand Kevin Florindo.

Illi l-Prosekuzzjoni esibit zewg stqarrijiet tal-imputat esibiti a fol 9 tal-atti u minn ezami taghhom jirrizulta li l-versjoni tal-fatti kif rakkontati mill-imputat fix-xhieda tieghu hija simili ghal versjoni tal-fatti kif spjegati minnu fl-istqarrijiet mehuda a tempo vergine tal-investigazzjoni.

Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 xehdet **Doctor Eileen Borg, specjalista fil-gilda** [fol 69] fejn ikkonfermat li l-imputat kellu ferita lacero kontuza fuq x-xaghar ta' hugbejh l-leminija u sarulu erbgha punti. Illi minn ezami li ghamlet hames xhur wara l-allegat incident, sabet li kellu cikatrici lixxa ta' centimetru u nofs fuq hugbejh l-leminija, ezattament tmiss max-xaghar, ftit elevata u ghamla ta' nofs qamar u ta' kulur pjuttost ftit oskura iktar mill-gilda naturali tieghu. Din hija kompatibbli ma daqqa ta' ras. Illi hija kkonfermat li tali ferita hija ta' natura permanenti ghalkemm fl-istess hin tghid li trid tavvicina mil-qrib biex taraha u ghalhekk hija ta' natura hafifa.

Il-Qorti rat lil imputat de viso u minn distanza normali hija setghet tara l-ferita fuq deskritta f'wiccu.

Illi d-Difiza ghamlet referenza ghall-artikolu 227(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li l-ferita gravi hi skuzabbli [skond l-artikolu 230(a)] jekk tkun provokata b'offiza gravi fuq il-persuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna meta dan d-delitt ikun soggett ghal piena ta' aktar minn sena prigunerija.

Issa ma hemmx dubbju li l-ferita li subixxa l-imputat kienet ta' natura gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(c) u cioe ferita li ggib markar fil-wicc u ghal tali reat hemm piena ta' prigunerija minn tlett xhu sa tlett snin.

Konsegwentement tali offiza zgur li taqa fil-parametru tad-delitt kif deskritt fl-artikolu 227(a).

Dwar il-provokazzjoni, ghalkemm il-Prosekuzzjoni taqbel li l-imputat agixxa taht provokazzjoni, il-provokazzjoni huwa ammess bhala fattur mitiganti minhabba l-fatt li l-agent meta kien qed jagixxi, tilef l-kontroll ordinarju tieghu nnifsu minhabba l-passjoni krejata mill-att provokattiv tal-agent li gieghlu jsir inkapaci li jirrefletti fuq il-konsegwenzi tal-agir tieghu li huwa importanti u ghalhekk agixxa b'dak il-mod.

Fi kliem **Manzini** [***vol 2 - pg 240 - Diritto Penale***]

"*In uno stato di ira determinato da un fatto ingusto altrui*."

L-awtur Ingliz **Hart**, fil-ktieb tieghu ***Punishment and Responsibility*** jghid:

*"Provocation is therefore considered as a good enough reason for a diminution of punishment becasuse the agent's ability to control his action is thought to have been impaired or weakened otherwise than by his own action so that conformity to the law which he has broken was a matter of special difficulty for him, as compared with normal persons, normally placed."*

Irid jigi enfasizzat minnufih li mhux kull azzjoni tista tigi valutata bhala wahda kommessa taht provokazzjoni. Hemm diversi elementi li jridu jigu sodisfatti ghall-esiztenza ta' dawn il-fatturi skuzabbli u cioe,

1. L-att tal-provokazzjoni nnifsu;
2. It-telf ta' self control li jkun attwali u ragjonevoli, u
3. Ir-reazzjoni trid tkun proporzjonata ghall-provokazzjoni.

Ili f'dan il-kaz jirrizulta li l-att ta' provokazzjoni kienet l-ferita gravi li subixxa l-imputat ghal xejn b'xejn, kiesah u biered, l-imputat tilef l-kontroll met gie aggredit minn tlieta minn nies li wiehed minnhom kien diga aggredih qabel. Dwar jekk ir-reazzjoni kienet proporzjonata ghal provokazzjni, il-Prosekuzzjoni sostniet li ma kienetx ghaliex ma messux qabad l-flixkun.

Il-Qorti pero rat li l-imputat kien affrontat b'sitwazzjoni fejn tlieta minn nies aggredewh, kellu d-demm f'wiccu, kien wahduu ghalhekk hassu bezghan u f'dak l-kwadru thoss li d-decizjoni li jaqbad flixkun sabiex jkecci l-aggressuri tieghu kienet wahda proporzjonali.

Fil-fatt, **Manzini** fil-ktieb intitolat ***Diritto Penale*** Vol II pg 240 jghid:

*"La potenzialita provocatrice di un fatto deve valutarsi con criteri del tutto relattive in rapporto, cioe alle qualita*

*personali di chi si pretende provocato, a quelle del provocato ai rapport* <u>*anteriori*</u> *fra i due, alle circostanze di luogo, tempo, ecc. "*

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghand tilqa d-difiza tal-iskuzanti ai termini tal-artikolu 230(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-feriti gravi li kkommetta l-imputat fuq il-persuna ta' Kevin Florindo.

Illi l-akkuza ta' ferita hafifa fuq il-persuna ta' Dirk Walker, ma tirrizultax. Ma hemmx dubbju pero li l-akkuzi l-ohra jirrizultaw ppruvati b'mod sodisfacenti.

Dwar r-recidiva, il-Qorti nnotat li s-sentenza esibita nghatat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar d-disgha ta' April 1997 [dokument MT a fol 56] u ghalhekk zgur ma taqax fil-parametri tal-atikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda fil-parametri tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond l-artikolu 231(1)(c) il-piena applikabbli ghar-reat ta' ferita gravi skuzanti, skondl-artikolu 230(a) hija dik ta' mhux izjed minn tlett xhur prigunerija.
Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 6 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat kien kiser dufrejh mal-ligi f'zewg okkazzjonijiet u dan dejjem in konnessjoni ma kazi ta' ferita ta' natura gravi meta fis-sena 1993 inghata unconditional discharge u fis-sena 1997 gie kkundannat jhallas multa.

Illi ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija sospiza.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 214, 215, 216, 217, 218, 221, 338(dd), 339(d), 17(b)(c), 49, 50, 31, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, wara li **tiddikjara li ssib lil imputat GEORGE JOHNSON hati talli kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Kevin Florindo bl-iskuzanti tal-provokazzjoni u talli kiser il-paci pubblika u hebb ghal l-istess Kevin Florindo, tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta'**

**xahrejn u nofs sospizi ghal sentejn** bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddikjara li ma ssibux hati talli kkagunja ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dirk Walker u talli huwa recidiv u tilliberah minn dawn l-akkuzi.

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-periti u esperti nominati ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li hemm involuta s-somma ta' sitta w disghin lira u tletin centezmu rappresentanti hlasijiet dovuti lil esperti tobba nominati u ghalhekk tordna lil imputat jhallas dawn l-ispejjes fi zmien hmistax il-jum minn meta jigi hekk mitlub mid-Direttur tal-Qorti.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat u x’jigri f’kaz li jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------